MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 172/1994/2

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li z-zwieg taghha mal-konvenut tfarrak irrimedjabbilment ghar ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut li rrenda ruhu hati ta' adulterju, swat, theddid u mohqrija lejn l-attrici; li minn dan iz-zwieg twieldu erbat-it tfal [li llum huma kollha maggjorenni]; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mill-Onorabbli Sekond Awla Civili biex tistitwixxi dawn il-proceduri; ghaldaqstant talbet lil din il-Qorti: [1] li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-

partijiet; [2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri D [illum maggjorenni] f' idejn l-attrici; [3] tiffissa manteniment xieraq ghall-attrici, u ghat-tifla minuri; [4],[5],[6] u [7] li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha, kif ukoll tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv; bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa li: [1] uhud mit-talbiet ma jistghux jintlaqghu, stante li mill-atti ma jidhirx li l-attrici giet nominata kuratrici 'ad litem' ta' bintha minuri; u [2] li t-talbiet attrici, in kwantu bazati fuq il-kawzalijiet ta' swat, mohqrija u adulterju, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapporti tal-periti teknici Vincent Ciliberti[1] u Peter Bonello[2], minnhom debitament mahlufa;

Rat ir-rapport[3] tal-perit legali minnha debitament mahluf;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet studjati tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, ghar ragunijiet imputabbli unikament lilu, fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijet ta' Malta; kif ukoll, qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut, in sostanza, qed jichad il-kawzalijiet attribwitu lilu.

---

[1] Vol.2 – fol.396 *et seq.*
[2] Vol.3 – fol.793 *et seq.*
[3] Vol. 2 - fols.708 *et seq.*

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Frar 1970, u minn dan iz-zwieg ghandhom erbat-it tfal, Joanne, Alexandra sive Sandra, Robert u D [mwielda 6 ta' Marzu 1984], li llum huma kollha maggjorenni.

Illi sfortunatament il-konjugi B kellhom hafna tilwim matul il-konvivenza matrimonjali, li nvolvew lil uliedhom ukoll. Rizultat ta' dan, l-attrici bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni fit-12 ta' Awissu 1993, u fid-9 ta' Frar 1994 istitwiet il-kawza odjerna li damet sejra dan iz-zmien kollu, tenut kont tal-piki ezagerati bejn il-partijiet, partikolarment rigwardanti hlas ta' kontijet fil-mori u l-qsim ta' l-effetti mobbli.

Illi tajjeb li jinghad f' dan l-istadju, li, uhud minn ulied il-partijiet, skjeraw ruhhom ma' xi genitur; u filwaqt li Joanne appoggjat lill-attrici, Sandra tat ghajnuna lill-konvenut. It-tifel Robert halla z-zona tal-konflitt, u mar jahdem barra; filwaqt li D, li kienet ghadha minorenni baqghet tghix ma' ommha u ohtha l-kbira. Dan il-kwadru tal-fatti huwa relevanti ghall-finijiet tal-apprezzament tal-provi dwar il-punt tar-responsabbilita'.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut, mill-bidunett taz-zwieg, kien vjolenti kemm fil-konfront taghha, u eventwalment ukoll fil-konfront ta' uliedhom. Tghid li hu kien isawwat lilha, u lit-tfal "ghal xejn b' xejn"; partikolarment kull nhar ta' Erba' meta kien jigi lura irrabbjat mix-xoghol kien jaqla' l-inkwiet, u jsawwatha.

Kien jghajjarha bi kliem ingurjuz, u jidghi, anke quddiem it-tfal. Hija tiddeskrivi lill-konvenut bhala ragel kattiv, inkejjuz u egojist; sahansitra l-egoizmu tieghu kien anke jimmanifesta ruhhu fl-att sesswali li, minn naha tieghu kien isir, basta li jinqeda' hu, minghajr ebda turija ta' affezzjoni lejn martu.

Takkuza lill-konvenut li, matul iz-zwieg huwa kien xhih maghha u kien iebes fil-hlasijiet tal-kontijet Tghid li,

ghalkemm huwa kien jaghmel diversi xogholijiet part-time, huwa qatt ma uriha l-introjtu shih tieghu.

L-attrici tghid li hija ssaportiet dan l-komportament abbuziv da parti ta' zewgha tul il-konvivenza matrimonjali, u, ghalkemm kienet ghamlet xi rapporti, hi qatt ma segwiet dawn b' passi gudizzjarji, biex izomm unita l-familja; izda, tghid li ma kienitx ippreparata tibqa' f' din il-hajja meta skopriet li xewgha kellu relazzjoni ma' mara ohra, AB identifikata b' isimha.

Hi takkuza lill-konvenut b' relazzjoni extra matrimonjali ma' din il-mara, u ssemmi l-incident li sehh f' Awissu 1993 meta f' Pembroke hi, bl-ghajnuna tat-tifla Joanne, kienet qabdet lill-konvenut gol karrozza tieghu ma' l-imsemmija mara. Kien f' dan l-istadju li hi ddecidiet li tiftah il-proceduri ghas-separazzjoni fit-12 ta' Awissu 1993.

In propozitu, tghid li hi, wkoll bl-ghajnuna tat-tifla Joanne, skopriet li zewgha u din il-mara kienu krew appartament, l-ewwel fil-Pieta' u sussegwentement f' Bugibba, u li okkazjoni minnhom kienu rawhom hergin ghal xi 1.00 am minn dan l-appartament. Tghid ukoll li zewgha kien siefer f' zewg akkazzjonijiet ma' din il-mara, u ssemmi d-dettalji tal-flights u tal-lukanda fejn kien alloggjati.

Illi, in kwantu ghall-allegazzjoni ta' l-attrici dwar il-karattru vjolenti tal-konvenut, u dik ta' adulterju, l-attrici ssib sostenn qawwi fix-xhieda tat-tifla Joanne. Din ix-xhud tikkonferma li, partikolarment kull nhar ta' Erba' meta l-konvenut kien jirritorna rrabbjat mix-xgohol kien jaqla' l-inkwiet, u jsawwat lill-attrici u anke lit-tfal. Tghid ukoll li l-konvenut, missierhom, ta' kuljum kien isawwat lit-tfal.

Tikkonferma wkoll l-incident ta' Pembroke, kif ukoll li l-konvenut kien kera appartament li kien jiffrekwenta mal-mara l-ohra.

Izda dwar l-allegazzjoni tax-xehha maghmula mill-attrici, din ix-xhud tghid li hi tahdem bhala ghalliema, "Missieri dejjem irsista dwar l-edukazzjoni taghna, halsilna l-privatijiet u dejjem pprovdhielna l-kotba mehtiega.

Bghatna ghall-pjanu wkoll". Tghid ukoll li " missieri kien u ghadu jaqla' flus sewwa. Hu kien jikkontrolla hafna l-infieq, u b' hekk gemmghu l-flus u xtraw id-dar fejn noqghodu, u hafna mobbli sbih."[4]

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jghid li huma kien jargumentaw hafna peress li l-attrici hija mara possessiva, dominanti u sfidanti; kienet tipprovokah u tippika mieghu. Apparti minnhekk, kienet tigdeb mieghu, u tahbilu, fejn jirrigwarda l-infieq tal-flus.

Huwa jilmenta mill-fatt li ghall-attrici, martu, huwa kien jigi wara t-tfal taghhom u wara t-tfal ta' hutha, Meta t-tfal kienu ghadhom zghar hija kienet traqqadhom fis-sodda matrimonjali, bir-rizultat li kienu jigu affettwati r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom.

Rigward l-allegazzjoni tas-swat, il-konvenut jghid li "Marti kienet targumenta bosta, u kien ikollna xi nghidu, pero' nichad kategorikament li sawwatha, ghalkemm gieli forsi mbuttajtha jew waddabt xi affarijiet. Qatt ma lqattha."[5] Jghid ukoll li hu kien jikkoreggi t-tfal wara li martu kienet tukzahom li kienu qadu mqarrbin "gieli sawwathom billi tajthom bic-cinturin. L-aktar li sawwat kien lit-tifel, tant li kont kostrett anke nkeccih il barra. Dan kont naghmlu biex narah jitla ragel sew."[6]

Rigward l-allegazzjoni tax-xehha, il-konvenut jghid li huwa kien izomm kontroll fuq l-infiq ta' flus li kien jaqla' hu, u dan kien jaghmlu biex igemmghu l-flus biex jixtru l-affarijiet ghall-familja. Di fatti bil-flus li qala' huma kienu xtraw id-dar u l-mobbli. Jghid li, anke l-attrici kienet tahdem billi taghmel xoghol tal-hjata, u anke kienet tghinu fix-xoghol tal-catering, izda dak li kienet iddahhal kienet tisparpaljah.

Rigward l-allegazzjoni ta' adulterju, huwa jicad li kellu relazzjoni ma' mara ohra, u dwar l-incident ta' Pembroke jghid li huma ma kienu qed jaghmlu xejn hazin, izda kienu

[4] Vol.1 – fol.46
[5] Vol.1 – fol.54
[6] Vol.1 – fol.54

fil-karrozza jitkellmu fuq xoghol. Jichad li kien qed jaghmel l-attivita' sesswali fil-karrozza. Izda dwar l-allegazzjonijiet ta' l-appartamenti fil-Pieta' u f' Bugibba, kif ukoll dwar dik tas-safar ma' din il-mara, huwa jibqa' manifestament sieket.

Jakkuza wkoll lit-tifla Joanne li appoggjat bis-shih lill-attrici, u li hadet parti attiva matul is-separazzjoni taghhom.

Illi Sandra Cassar, it-tieni wild tal-partijet, tghid li ommha kienet haditha kontra taghha ghax kienet tat ghajnuna lill-konvenut waqt is-separazzjoni; bir-rizultat li hi kienet kostretta titlaq mid-dar fejn kienet tghix ma' ommha u ma' hutha, minhabba l-agir ta' l-attrici peress li din riditha li z-zomm maghha f' kollox kontra missierha. Tghid li l-attrici hija mara sfidanti u tindahal fil-hajja privata tan-nies.

Hija wkoll cahdet l-akkuza malafamenti li ommha kienet ghamlet fil-konfront taghha meta kienet akkuzata li kellha relazzjoni ma' missierha, u kienet tghajjarha "qahba". Hija cahdet l-verzjoni tax-xugaman kif rakkontat mill-attrici. Dan wassal lil din ix-xhud biex tibaghat ittra legali lill-attrici biex dina tiddezisti milli tkompli tingurjaha.

Tghid li ommha ddahhal affarijiet f' rasha, u kienet tmur ghand mara li taqra x-xorti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, mill-atti processwali, u mid-diversi rikors prezentati rigwardanti hlas ta' kontijiet, jirrizulta car li z-zewg partijiet huma pikuza, u li din il-pika tezisti da parti taz-zewg partijiiet.

Illi mill-provi migjuba l-Qorti hi tal-fehema li l-konvivenza matrimonjali ta' bejn il-partijiet kienet karatterizzata minn tilwim kontinwu li eventwalment kien wassal lill-konvenut sabiex ikun vjolenti fil-konfront ta' martu, u anke fizikament fil-konfront ta' uliedu. Il-konvenut stess jammetti li kien isawwat lit-tfal biex jikkoreggihom, u lill-attrici "gieghli forsi mbuttajtha u/jew waddabtilha xi affarijiet." Dan, fil-fehema tal-Qorti, jaghti konfort qawwi

lit-tezi attrici li l-konvenut huwa bniedem impulsiv b' manifestazzjoni ta' vjolenza f' mumenti ta' rabja; u jikkonferma wkoll li ghandu jdejh hafifa.

Jigi osservat ukoll, li, l-fatt li l-attrici kienet tiddezisti milli tipprocedi bil-Qorti dwar dawn l-incidenti, ma jdghajjfux din il-konkluzjoni, stante li huwa komprensibbli u verosimili li konjugi jkun riluttanti hafna li jipprocedi kriminalment kontra l-konjugi l-iehor, bil-ghan li ma titkissirx il-konvivenza bejniethom.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' l-adulterju da parti tal-konvenut, il-Qorti hi sodisfatta li, mill-assjem tal-provi, apprezzati fuq bilanc ta' probabbilitajiet, jirrizulta provat li l-konvenut kellu relazzjoni extra matrimonjali ma' mara ohra lejn il-bidu tas-snin disghin.  Jigi osservat li, fl-ahhar affidavit, li permezz tieghu l-konvenut irreagixxa ghall-akkuzi kollha li sarulu, inkluz l-incident tat-telefon, huwa cahad il-verzjoni ta' l-incident li sehh f' Pembroke kif deskritta mill-attrici u mit-tifla Joanne, izda ma semma' xejn fuq l-allegazzjoni dwar l-appartamenti tal-Pieta' u ta' Bugibba, u tas-safar mal-mara in kwistjoni.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment minhabba l-komportament abuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, u anke ta' uliedu, liema komportament jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, stante li, ukoll peress li jirrizulta abitwali u ripetut, irrenda nsapportabbli l-konvivenza bejn il-partijiet; u li dan il-komportament, akkompanjat mar-relazzjoni extra matrimonjali da parti tal-konvenut li tintegra l-akkuza ta' adulterju kommess minnu, wassal lill-attrici sabiex tiehu d-decizjoni li tissepara, stante li ma setghetx tghix izjed mieghu fil-hajja konjugali.

Illi rigward l-allegazzjoni tax-xehha maghmula mill-attrici, il-Qorti tosserva li din manifestament ma tirrizultax, anzi jirrizulta li, matul il-konvivenza, il-konvenut kien jahdem hafna u l-flus kien iAghhom biex jonfoqhom ghall-familja u fuq l-edukazzjoni tat-tfal.  Jigi osservat li hemm differenza kbira bejn xehha, u kontroll bil-ghaqal fl-infiq tal-flus.

Illi minn naha tal-mara, il-Qorti hija tal-fehema li, ghalkemm jezistu nuqqasijiet da parti taghha, izda dawn in-nuqqasijiet ma humiex tali li jirrenduha responsabbli wkoll ghas-separazzjoni. Il-provi in sustanza juru li hi ssubiet il-komportament abbuziv ta' zewgha, sakemm skopriet li hu kellu relazzjoni ma' mara ohra.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort ta' l-attur fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap. precitat.

**Manteniment**

Illi fil-kaz in dizamina, stante li l-konvenut huwa unikament hati tas-separazzjoni , huwa ghandu fil-principju jivversa manteniment lill-attrici

Illi l-artikolu 20 tal-Kap 16 jiddisponi testwalment li: "[1] Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih. [2] Fl-istharrig sabiex jinstab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort' ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha."

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla Civili fis-16 ta' Dicembru 1993, il-konvenut kien gie ordnat jivversa manteniment lill-attrici ghaliha fl-ammont ta' LM20 fil-gimgha, u ammont ulterjuri ta' LM20 fil-gimgha bhala manteniment ghat-tifla [dak iz-zmien] minuri.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici ghandha s-sengha ta' hajjatha. Dan jinsab konfermat mix-xhieda tat-tifla Joanne li tghid: "Ommi kienet tghin fil-catering. Kienet thit ghan-nies meta kellna il-hanut tad-drappijiet."[7] Izda matul il-proceduri hija kienet naqset li tghin ruhha finanzjarjament; u minflok, kienet iddur fuq l-istess tifla u tissellef il-flus minghandha. Kemm l-attrici kif ukoll it-tifla Joanne, jghidu li l-attrici sselfet minghand it-tifla s-somma ta' ftit anqas minn LM30,000.

[7] Vol.2 – fol.496

Illi fl-istadju finali tal-kawza, irrizulta li l-attrici kienet wirtet minghand il-familja taghha s-somma ta’ LM78,000 li, circa LM30,000 minnhom kkonsenjat lill-imsemmija tifla ghas-saldu ta’ l-ammont misluf.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, ghalkemm il-konvenut ghandu l-obbligu li jivversa manteniment lill-attrici, stante l-htija tieghu ghas-separazzjoni, izda, rebus sic stantibus, dan l-obbligu ghandu jibqa’ sospiz peress li l-attrici ghandha mezzi sufficjenti sabiex tmantni lilha nnifisha; u wkoll jirrizulta li hi ghandha mezzi aktar mill-konvenut.

Inoltre, l-attrici ghandha s-semgha ta’ hajjata u ghalhekk hija ghadha kapaci li tiggenera ntrojtu ghaliha, filwaqt li l-eta’ prezenti taghha m’ ghandux ikun ta’ tfixkil serju ghal dan, tenut kont tal-fatt li mill-provi ma jirrizultax li l-attrici ghandha xi marda jew xi kondizzjoni li jimpeduha milli taghmel dan it-tip ta’ xoghol, anke minn go darha.

Il-premess japplika b’ aktar qawwa fir-rigward tas-self li hi kienet taghmel minghand it-tifla taghha.  Il-Qorti tosserva li, ma kien hemm xejn xi jzomm lill-attrici, li allura kienet ferm izghar milli hi llum, li tezercita s-sengha taghha biex tghin lilha nnifisha finanzjarjament; u  l-fatt li hi naqset li taghmel dan, u minflok, ghazlet li tissellef il-flus minghand it-tifla taghha, kienet decizjoni libera taghha li pero’ m’ ghandhiex taffetwa lill-konvenut f’ din il-materja tal-manteniment.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li, filwaqt li tafferma d-dritt ta’ l-attrici li fil-futur titlob manteniment minghand zewgha jekk hi tisfa bla mezzi adegwati, izda, fic-cirkostanzi tal-kaz, dan id-dritt ma jistax jigi fis-sehh stante li hi ghandha mezzi sufficjenti u aktar mill-konvenut biex tmantni lilha nnifisha;  u dan skond l-artikolu tal-ligi fuq citat.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

*Likwidazzjoni*

Illi din tikkonsisti fis-segwenti assi, attiv u passiv:

[1] Il-fond numru 4 Triq Dun Mikiel Xerri Zebbug, u gjardina, stmati mill-perit tekniku rispettivament fl-ammont ta' €442,581 [ekwivalenti ghal LM190,000] u €30,282 [ekwivalenti ghal LM13,000]; il-partijiet jaqblu li dawn jinbieghu u r-rikavat jinqasam bejniethom;

[2] Flus sterlini fl-ammont ta' circa 30,000, investiti barra minn Malta fi stock ta' 14.5% Mexico Stock u 12% ADP u HRA kont numru 70221384; il-partijiet jaqblu li dawn il-flus jinqasmu bejniethom;

[3] Flus kontanti f' munita sterlina ta' 500; dawn il-flus kienu fil-pussess ta' l-attrici li allegat li tat nofshom lill-konvenut li minn naha tieghu qed jallega dan l-ahhar fatt, u, ghalhekk, in difett ta' prova cara li hi fil-fatt ikkonsenjat nofs dawn il-flus lill-konvenut, il-Qorti tqis li din is-somma fl-intier taghha ghadha fil-pussess ta' l-attrici;

[4] Mobbli fid-dar konjugali li jinsabu deskritti u valutati, u maqsuma f' zewg porzjonijiet A u B, mill-periti teknici Vincent Ciliberti u Peter Bonello.

Illi jigi osservat in propozitu li l-partijiiet ikkontestaw bil-qawwa diversi aspetti tar-rapporti teknici, sakemm fl-ahhar qabblu [1] li parti mill-mobbli valutati u assenjati huma proprjeta' tat-tfal taghhom, [2] filwaqt li partijiet ohra huma proprjeta' parafernali tal-konvenut.

Illi ghal-finijiet ta' l-ezercizzju tal-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' dawn l-assi, il-Qorti qed tannetti mal-gudizzju odjern kopja tar-rapport tal-perit tekniku Peter Bonello, sabiex jifforma parti mill-istess [Appendici A – Vol.3 fols.794 sa 806]. L-oggetti gew maqsumin f' zewg porzjonijiet: il-porzjoni A [li tinkludi oggetti tad-deheb f' lista separata] u l-porzjoni B [li wkoll tinkludi oggetti tad-deheb f' lista separat].

Illi hemm qbil li kemm fil-porzjoni A kif ukoll fil-porzjoni B hemm oggetti appartenenti lit-tfal tal-partijiet, u oggetti parafernali ghall-konvenut.

L-oggetti appartenenti lit-tfal huma: porzjoni A – il-partiti bin-numri 114, 119, 122, 128, 154, b' kollox €466 [ ekwivalenti ghal LM200]; u porzjoni B – il-partiti numri 124, 125, 126 u 127, b' kollox €1,864 [ekwivalenti ghal LM800].

L-oggetti parafernali tal-konvenut huma: porzjoni A – il-partiti numri 5, 6 u 10, b' kollox €396 [ ekwivalenti ghal LM170]; u porzjoni B – il-partiti numri 4, 7 u 8, b' kollox €466 [ekwivalenti ghal LM200].

Ghalhekk il-valur tal-effetti mobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u kif maqsuma f' zewg porzjonijiet huma s-segwenti:

Porzjoni A: €62,127 [ekwivalenti ghal LM26,671][8];
Porzjoni B: €60,627 [ekwivalenti ghal LM26,027][9];
Ghalhekk il-porzjoni A ghandha taghti lill-porzjoni B is-somma ta' €756 [ekwivalenti ghal LM324.50][10]

[5] Dejn konsistenti f' kontijiet ta' l-utilitajiet tad-dar; il-konvenut permezz ta' nota jghid li hallas l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma kif ordnat mill-qorti;

*Assi Parafernali tal-konvenut*
[1] Deheb - jirrizulta li l-konvenut ghandu diversi oggetti tad-deheb li insabu elenkati fir-relazzjoni tal-perit legali fil-paragrafu 95 [Vol.2 fol. 760], liema oggetti jinsabu fil-pussess ta' l-attrici [Appendici B].

[2] Bearer Account – jirrizulta li l-partijiet kellhom bearer account li fit-12 ta' Awissu 1993 kien fih l-ammont ta' LM7652 [Vol.2 – fol.597]. Jirrizulta pacifiku li l-attrici gibded dawn il-flus u kkonsenjat nofshom lill-konvenut,

---

[8] rapprezentanti LM26,531 + LM510 – LM200 [tfal] – LM170 [konvenut]

[9] rapprezentanti LM26,527 + LM500 – LM800 [tfal] – LM200 [konvenut]

[10] rapprezentanti LM26,671 – LM26,027 ÷ 2;

jigifieri zammet minnhom €8,912 [ekwivalenti ghal LM3,826]. Jirrizulta wkoll pacifiku li l-konvenut kien wiret is-somma ta' €2,329 [ekwivalenti ghal LM1,000] minghand zijuh, liema ammont ma giex moghddi lilu mill-attrici.

Ghalhekk l-attrici ghandha tikkonsenja lill-konvenut is-somma ta' €1,165 [ekwivalenti ghal LM500][11]

In propozitu, jigi osservat li l-Qorti taqbel mal-perit legali li l-konvenut ma rnexxielux jipprova li mill-imsemmija somma ta' LM7,652, l-ammont ta' LM6,061 kienu gejjin mill-wild taz-ziju Kola kif jidher mid-dokument prezentat mill-konvenut datat 21 ta' Dicembru 1999 [Vol.2 – fol.595]. Li jirrizulta sodisfacentement provat, u li gie ammess mill-istess attrici, hu li mill-imsemmija somma, LM1,000 kienu parafernali tal-konvenut. Ghalhekk il-konvenut ghandu kontra l-attrici kreditu ta' LM500 li ghandu jitnaqqas minn sehemha tal-komunjoni.

**Assenjazzjoni**

[1] Tordna li l-fond u l-gjardina fuq indikati jinbieghu fuq is-suq hieles fi zmien sena bil-prezz ta' mhux anqas minn €442,581 [ekwivalenti ghal LM190,000] u €302,819 [ekwivalenti ghal LM130,000] rispettivament; u, fin-nuqqas li jinbighu fi zmien sena, tordna li jinbighu bis-subbasta ghal prezz mhux inferjuri ghall-ammonti fuq indikati; u, mir-rikavat, wara li jithallsu minnu kontijiet li jkunu ghadhom pendenti dwar l-utilitajiet tad-dar, jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti wgwali;

[2] Tordna li l-flus ta' circa 30,000 lira sterlina nvestiti barra, fl-imkien ma' l-imghax relattiv, jigu nkassati u jinqassmu f' porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet;

[3] Tordna li l-attrici, minn sehemha tar-rikavat tal-prezz, thallas lill-konvenut is-somma ekwivalenti f' munita ewro, ghal mitejn u hamsin lira [250] sterlina;

---

[11] rapprezentanti [LM7,652 – LM1,000 = LM6,652 /2 = LM3326; u LM3825 – LM3326 = LM500].

[4] Tordna li l-effetti mobbli, fuq indikati that il-partita [4], jigu maqsuma bejn il-partijiet billi jittellghu bix-xorti l-porzjoni A u l-porzjoni B flimkien ma' l-ismijiet tal-partijiet; u parti tiehu l-porzjoni A u parti tiehu l-porzjoni B; u l-akkwirent tal-porzjoni A jaghti lill-akkwirent tal-porzjoni B is-somma ta' €756 [ekwivalenti ghal LM324.50] bhala ekwiparazzjoni;

Illi inoltre l-attrici ghandha tikkonsenja lill-konvenut id-deheb indikat fl-appendici B; u ghandha wkoll thallas lill-konvenut is-somma ta' €1,165 [ekwivalenti ghal LM500] kif fuq indikat.[12]

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li l-ulied illum huma kollha maggjorenni;

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment" u, filwaqt li tafferma d-dritt ta' l-attrici li fil-futur titlob manteniment minghand il-konvenut jekk din tisfa' bla mezzi adegwati, izda fic-cirkostanzi tal-kaz, dan id-dritt ma jigix fis-sehh, stante li l-attrici ghandha mezzi sufficjenti, u anke hila, biex tmantni lilha nnifisha;

[4] tilqa' ir-raba, il-hames u s-sitt talba billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[5] tichad is-seba talba, stante li hi suprefluwa;

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenut, salv ghal dawk relattivi ghas-seba' talba li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

[12] Vide "[2] Bearer Account"

---------------------------------TMIEM---------------------------------